MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

**LAWRENCE QUINTANO FOODSERVICE LIMITED ġja' Pre Pack Limited**

**vs**

**Anton DEBONO**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Mejju, 2000, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi b'sentenża ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Anton Debono vs Law. Quintano Foodservice gia Pre Pack Limited" numru 2693/99 mogħtija fl-24 ta' Marzu 2000, kopja legali annessa Dok. A, din l-Onorabbli Qorti, fil-kontumaċja tas-soċjeta', iddeċidiet illi:

1. Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta responsabbli għall-korriment u għad-danni konsegwenżjali li sofra l-attur fis-17 t'Ottubru 1997;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'riżultat ta' l-inċident imsemmi fl-ammont ta' tlett elef, sitt mja u sebgħa u tletin lira maltin u tmenin ċenteżmu (Lm3,637.80);

3. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur l-ammont ta' tlett elef, sitt mija u sebgħa u tletin lira maltin u tmenin ċenteżmu (Lm3,637.80) u ċioe' l-ammont kollu ta' danni hekk likwidat bl-ispejjeż u bl-imgħax mitlub;

Illi f'dik il-kawża, is-soċjeta' ma ngħatatx iż-żmien sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub biex tiddefendi ruħha kontra t-talba ta' l-attur qabel ma l-Qorti għaddiet għas-sentenża, u dana kontra d-dispost ta' l-artikolu 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi, għalhekk, is-soċjeta' ma ngħatatx l-opportunita' li tiddefendi ruħha fil-parametri lilha miftuha bil-liġi fl-istat kontumaċjali tagħha;

Illi l-kontumaċja tas-soċjeta' kellha titqies mill-Qorti bħala kontestazzjoni, u għalhekk il-Qorti kellha tassigura illi, anke fl-istat kontumaċjali tas-soċjeta' konvenuta, ir-regoli ta' smiegħ xieraq kellhom jiġu osservati;

Illi inoltre, d-dokumenti pprezentati mill-attur fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi, jiġifieri, Dokument AD1 u Dokument AD2, huma biss kopji mhux awtentikati, kif jitlob l-artikolu 636, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi għalhekk dawk id-dokumenti m'humiex, u qatt ma setgħu jitqiesu bħala prova ammissibbli iżda l-Qorti straħet fuqhom biex waslet għad-deċiżjoni tagħha;

Illi lanqas konferma bil-gurament ta' dawn id-dokumenti mhux awtentiċi ma saret minn min allegatament ħarighom;

Illi b'hekk, is-sentenża mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti hija riżultat ta' applikazzjoni ħazina tal-liġi kif irid l-artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Orgnaizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi għalhekk hemm lok għal ritrattazzjoni tal-kawża, wara li dik is-sentenża kif mogħtija tiġi mħassra;

Illi l-inċident ġara tort unikament tal-konvenut Anton Debono, li ma mexiex skond l-istruzzjonijiet tas-soċjeta' u ma utilizzax il-mezzi mogħtija lilu mis-soċjeta sabiex jipproteġi lilu nnifsu;

Għalhekk il-kumpannija attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tħassar u tirrevoka s-sentenża tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Anton Debono vs Law. Quintano Foodservice ġia Pre Pack Limited" Citazzjoni numru 2693/99 mogħtija fl-24 ta' Marzu 2000;

2. Tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawża;

3. Tiddikjara illi l-inċident ġara tort unikament tal-konvenut Anton Debono;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-istess kumpannija attriċi ritrattanda, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-12 ta' Marzu, 2001, li biha l-imħarrek ritrattat eċċepixxa:

1. Fl-ewwel lok jiġi eċċepit illi s-sentenża mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, li qed tiġi attakkata u mitluba r-ritrattazzjoni tagħha, hi fl-ismijiet "Anton Debono vs Law. Quintano Foodservice Limited ġia Pre Pack Limited" (Ċitaz. Nru. 2693/99) deċiża fl-24 ta' Marzu 2000 u għalhekk josta l-karenza ta' interess

guridiku tas-Soċjeta’ attriċi fil-kawża odjerna li tippromwovi din l-istanża;

2. Illi subordinament u mingħajr pregudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress:

(a) illi s-Soċjeta’ attriċi ma tistax titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawża tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet “Anton Debono vs Law. Quintano Foodservice Limited ġia Pre Pack Limited” (Ċitaz. Nru. 2693/99) deċiża fl-24 ta’ Marzu 2000 u li għaddiet in gudikat, peress illi kienet taf bil-fatti illi minħabba fihom qed titlob ir-ritrattazzjoni ferm qabel għalaq iż-żmien tal-appell tal-imsemmija kawża u għalhekk josta r-rekwiżit kif stipulat fl-Artikolu 812 tal-Kap. 12;

(b) illi m’hemmx lok li tintalab ir-revoka u r-ritrattazzjoni tal-kawża tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta’ Marzu 2000 fl-ismijiet premessi peress illi mhux minnu li din id-deċiżjoni applikat il-liġi ħażin fit-termini li jistipula l-artiklu 811(e) tal-Kap. 12;

3. Illi subordinament u mingħajr pregudizzju għall-premess, is-sentenża in kwistjoni mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta u li qed tiġi attakkata u mitluba r-ritrattazzjoni tagħha, hi ġusta u ingħatat skond il-liġi wara li s-Soċjeta’ attriċi għalkemm debitament notifikata baqgħet kontumaċi u m’għamlet xejn hiex tiggustifika l-kontumaċja tagħha u ħalliet ukoll l-imsemmija sentenża tgħaddi in gudikat;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek ritrattat;

Rat id-Degriet tagħha tal-15 ta’ Marzu, 2001, li bih ordnat il-bidliet mitluba fl-atti tal-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-15 ta' Marzu, 2001, li fih u minħabba l-bidliet ordnati kif fuq ingħad, l-imħarrek irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Rat id-Degriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2001, li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fl-14 ta' Marzu, 2002[1], dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek ritrattat;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek ritrattat fl-4 t'April, 2002[2], bi tweġiba għal dik imressqa mill-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni b'żieda tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-15 ta' Mejju, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, u tas-16 ta' Jannar, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek ritrattat;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni, l-kumpannija attriċi qegħda titlob li kawża li kienet infetħet kontriha mill-imħarrek u li nqatgħet fl-24 ta' Marzu, 2000, terġa' tinstama' minħabba li ma ngħatatx opportunita' biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha qabel ma kienet ingħatat is-sentenza;

Illi min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li t-talba m'għandhiex tintlaqa' għaliex ladarba l-kumpannija attriċi (f'din il-kawża) ħalliet li s-sentenza mogħtija kontriha ssir ġudikat u, minkejja li kienet taf bil-kawża, ma ressqitx appell mis-

[1] Paġġ. 69 sa 71 tal-proċess
[2] Paġġ. 72-5 tal-proċess

sentenza fiż-żmien mogħti lilha, ma tistax tressaq talba għal smigħ mill-ġdid tal-kawża. Minbarra dan, jgħid ukoll li ma jeżistux ir-raġunijiet biex bihom il-kawża terġa' tinstama' kif qegħda tgħid il-kumpannija attriċi ritrattanda;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar dik il-parti tat-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek ritrattat li titkellem dwar jekk il-kumpannija attriċi tistax tressaq it-talba tagħha tal-lum fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 812 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti, jirriżulta li fl-14 ta' Diċembru, 1999, Anton Debono fetaħ kawża kontra l-kumpannija attriċi (f'din il-kawża) biex jiġi dikjarat li hija kienet taħti għall-ġrieħi li ġarrab meta korra waqt li kien qiegħed jaħdem magħha u biex hi tkun kundannata tħallsu d-danni. Il-kawża kienet appuntata għas-smigħ fis-16 ta' Frar, 2000, u l-kumpannija attriċi (f'din il-kawża) kienet notifikata bl-atti u bl-avviż tas-smigħ fil-11 ta' Jannar, 2000. Ma ressqitx Nota tal-Eċċezzjonijiet. Meta ssejħet il-kawża, fis-16 ta' Frar, 2000, deher l-attur (f'dik il-kawża) u l-avukat tiegħu: għall-kumpannija attriċi (f'din il-kawża) ma deher ħadd. Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' Debono dak inhar tal-ewwel smigħ u ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-24 ta' Marzu, 2000, meta fil-fatt ingħatat is-sentenza. Ma sarx appell mis-sentenza. Din il-kawża infetħet xahrejn u jumejn wara li ngħatat is-sentenza msemmija;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali li jsawru l-eċċezzjoni taħt eżami, għandu jingħad li l-proċedura tar-ritrattazzjoni għandha żewġ għanijiet: fl-ewwel post, dik li tħassar għal kollox u mhux biss parzjalment[3] sentenza li tkun saret ġudikat bejn il-partijiet u dan għal xi waħda mir-raġunijiet speċifiċi u tassattivi msemmija mil-liġi[4]; u, fit-tieni post, dik li terġa' tinstama' l-kawża li s-sentenza tagħha tkun tħassret u li tingħata sentenza oħra mill-ġdid. Qabel ma l-Qorti tkun soddisfatta li sabet raġuni tajba biex tħassar is-sentenza ewlenija, m'għandhiex, bħala regola,

[3] App. Ċiv. **5.6.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Kontrollur tad-Dwana vs Michael Żammit et***
[4] App. Ċiv. **7.12.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.795**)

tidħol biex tqis il-mertu tal-kwestjoni maqtugħa bis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir[5];

Illi l-Qorti tħossha fid-dmir tgħid ukoll li għalkemm il-kawża tal-lum kienet tħalliet għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek ritrattat, saru sottomissjonijiet mill-partijiet dwar il-"mertu" tat-talba dwar is-smigħ mill-ġdid. Ma sar l-ebda verbal li jibdel dak tas-smigħ tas-6 ta' Ġunju, 2001, u għalhekk il-Qorti m'hijiex sejra tqis ħwejjeġ lil hinn minn dawk li jintlaqtu mill-eċċezzjoni taħt eżami;

Illi billi s-sentenza li dwarha infetħet din il-proċedura kienet mogħtija minn din il-Qorti bħala qorti tal-ewwel grad, l-azzjoni tal-attur tinbena fuq l-artikolu 812 tal-Kap 12, kif japplika miegħu l-artikolu 811(e). Skond il-liġi, u għar-raġuni msemmija mill-kumpannija attriċi ritrattanda, din l-azzjoni trid issir fi żmien tliet (3) xhur minn dak inhar tas-sentenza li ngħatat kontriha fil-proċeduri l-oħrajn fejn kienet imħarrka[6];

Illi b'żieda ma' dak li ngħad iżjed 'il fuq dwar in-natura eċċezzjonali tal-proċedura tar-ritrattazzjoni, irid jingħad ukoll li l-prova tar-raġuni li għaliha parti titlob li kawża tiġi mismugħa mill-ġdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija mistħoqqa[7]. Il-parti ritrattata m'għandha għalfejn tipprova xejn, speċjalment meta r-raġuni li ssejjes it-talba għas-smigħ mill-ġdid ma titnissilx minn għamil tal-parti ritrattata, bħal f'dan il-każ;

Illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju li jolqot sentenza li tkun saret ġudikat. Huwa essenzjali f'kull sistema ta' dritt, li sentenza għandha tkun l-aħħar kelma dwar l-istat ta' dritt bejn partijiet fi kwestjoni, u s-saħħa tagħha titqies bħala s-sewwa magħruf (*pro veritate habetur*). Kif ingħad[8], l-effikaċja ġuridika u soċjali tal-ġudikat titlob li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tiġix

---

[5] Kumm. **16.12.1915** fil-kawża fl-ismijiet ***Harrison noe vs Żammit noe*** (Kollez. Vol: **XXII.iii.235**)

[6] Art 818(1)(d) tal-Kap 12

[7] Ara, per eżempju, Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Ċiantar noe*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.666**)

[8] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Dottor Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)

imfixkla billi, fi kwalunkwe stadju u mingħajr limiti, l-parti telliefa terġa' tqajjem il-kwestjoni u tiftaħha. Huwa għalhekk, il-leġislatur ried li jagħti espressament, b'mod tassativ u f'dawn it-termini biss r-rimedju tar-ritrattazzjoni li bih biss sentenza tista' tiġi attalkkata u mwaqqa' wara li tkun saret ġudikat. B'dan il-mod, jekk għal każ partikolari ma japplikawx ir-rimedji eċċezzjonali tal-istitut tar-ritrattazzjoni, m'hemm l-ebda mod kif titwaqqa' sentenza li għaddiet in ġudikat[9]. Minbarra dan, ilu żmien twil stabilit il-prinċipju li s-saħħa tar-rabta ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat ma titwaqqax lanqas bir-rimedju tar-ritrattazzjoni fejn ma jintweriex li l-parti kienet imċaħħda milli tiddefendi lilha nnifisha, għall-kuntrarju ta' fejn naqset li tiddefendi lilha nnifisha jew ma ħaditx dawk il-passi biex tiżgura difiża xierqa[10];

Illi għalkemm huwa minnu li din il-kawża nfetħet f'anqas minn tlitt xhur minn meta kienet ingħatat is-sentenza, dan m'huwiex il-kriterju waħdien li l-kumpannija attriċi ritrattanda trid turi biex tegħleb l-eċċezzjoni li ressaq l-imħarrek ritrattat. Hija trid turi qabel kull ħaġa oħra li l-fatt allegat minnha bħala raġuni siewja biex il-kawża maqtugħa tinstama' mill-ġdid saret tafu wara li kien għalqilha ż-żmien biex tappella mis-sentenza[11];

Illi, għar-rigward tat-tifsira mogħtija lill-artikolu 812 tal-Kodiċi tal-Proċedura taħt eżami, ingħad li l-kundizzjoni li taħtha jista' jingħata r-rimedju tar-ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija minn Qorti tal-ewwel istanza li ma tkunx ġiet appellata (jiġifieri li r-raġuni għar-ritrattazzjoni ssir magħrufa wara li jkun għalaq iż-żmien għall-appell mill-imsemmija sentenza) hija waħda li trid tintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li quddiemha ssir it-talba biex il-kawża tinstama' mill-ġdid. Fi kliem ieħor, it-twettiq ta' din il-kundizzjoni tirbaħ fuq it-terminu ta' tlitt xhur li fih tista' tintalab ir-ritrattazzjoni. Din il-kundizzjoni ġiet imfissra bħala "dekadenza" stabilita mill-imsemmi artikolu[12];

---

[9] App. Inf. **31.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Farruġia vs John Mifsud et*** (mhix pubblikata)
[10] Kumm. **31.3.1894** fil-kawża fl-ismijiet ***Zonda vs Parthenis*** (Kollez. Vol: **XIV.i.219**)
[11] App. Ċiv. **25.4.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Androcles Scicluna vs John Caruana et*** (Mhix pubblikata)
[12] App. Ċiv. **15.2.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Hyzler noe vs Pisani et noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.326**)

Illi waħda mill-indizji ewlenin li tmur kontra l-kundizzjoni msemmija fl-artikolu 812 hija n-notifika kif imiss fl-ewwel istanza lill-parti li wara s-sentenza titlob is-smigħ mill-ġdid tal-kawża. Jekk dik il-parti kienet taf bil-kawża (u huwa għal dan il-għan li ssir in-notifika tal-atti) u tonqos li tressaq appell mis-sentenza mogħtija, titlef il-jedd li titlob is-smigħ mill-ġdid tal-kawża bil-proċedura tar-ritrattazzjoni[13];

Illi l-kumpannija attriċi tgħid li, f'dan il-każ, "il-fatti ma jikkostitwux il-bażi tar-ritrattazzjoni, iżda l-fatti huma dawk stabiliti fis-sentenza deċiża" u żżid tgħid li "hija l-liġi li tosta għall-effikaċja ta' dik is-sentenza, u mhux il-fatti". L-attur ritrattat iqis dan l-argument bħala logħob bil-kliem. Il-Qorti tgħid li, tħares kif tħares lejn is-sottomissjoni, l-kumpannija attriċi bl-ebda mod ma fissret kif l-applikazzjoni ħażina tal-liġi fis-sentenza saret taf biha biss wara li għalqilha ż-żmien biex tressaq appell minnha. Minflok għamlet dan, l-abbli difensur tagħha, waqt it-trattazzjoni tal-aħħar, ressaq l-argument li ladarba r-ritrattazzjoni qegħda tinbena fuq il-ksur tal-liġi fis-sentenza, lanqas jista' jingħad li japplikaw id-dispożizzjonijet tal-artikolu 812. Il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument. Fl-ewwel lok, ir-ritrattazzjoni hija mogħtija **biss** għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 811[14]. Fit-tieni lok, l-artikolu 812 japplika għall-każijiet **kollha** fejn jista' jsir is-smigħ mill-ġdid ta' kawża fl-ewwel grad li ma jkunx tressaq appell mis-sentenza tagħha fiż-żmien li trid il-liġi;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti jkollha tagħti kreditu għas-sottomissjonijiet tal-imħarrek ritrattat fejn dan juri li l-kumpannija attriċi ritrattanda kellha kull possibilita' li, ladarba kienet notifikata kif imiss, tqis li fil-limiti tal-kontumaċja tagħha, tagħmel dak li proċeduralment kien possibbli biex tiddefendi ruħha. Ma' dawn is-sottomissjonijiet, il-Qorti tqis li tħalla żmien xieraq bejn meta l-Qorti semgħet ix-xhieda u l-jum li fih tat is-sentenza. Ma jidher li kien hemm l-ebda talba mill-

[13] Kumm. **30.3.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1377**)
[14] Art 813 tal-Kap 12

kumpannija ritrattanda biex titħalla tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet, jew li l-Qorti tieqaf milli tgħaddi għall-prolazzjoni tas-sentenza. Fuq kollox, il-kumpannija attriċi ritrattanda ma qanqlet l-ebda kwestjoni tas-siwi tan-notifika, tant li r-raġuni tat-talba tagħha għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża ma bnithiex taħt l-artikolu 811(b);

Illi, meta jitqiesu dawn il-fatti kollha, din il-Qorti jkollha tasal għall-konklużjoni li l-kumpannija attriċi ma wrietx kif imiss li dak li qegħda tilmenta minnu issa ma kinitx taf bih saż-żmien li setgħet tressaq appell mis-sentenza, u għalkhekk l-ewwel fergħa tat-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek ritrattat hija mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek ritrattat** Anton Debono u tiddikjara li l-kumpannija attriċi ritrattanda ma seħħilhiex turi li wettqet kif imiss dak minnha mitlub mill-artikolu 812 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

**Teħles lill-istess imħarrek ritrattat** milli jibqa' iżjed fil-kawża, bl-ispejjeż kontra l-kumpannija attriċi ritrattanda.

--------------------------------TMIEM-------------------------------